Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 26 ta' Jannar 2024**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2024/0006(COD)**

**5837/24**
**ADD 5**

**SOC 48**
**EMPL 31**
**GENDER 10**
**MI 86**
**COMPET 88**
**DATAPROTECT 46**
**IA 23**
**CODEC 173**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 25 ta' Jannar 2024 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2024) 11 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/38/KE fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet u l-infurzar effettiv tad-drittijiet tranżnazzjonali tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2024) 11 final.

---

Mehmuż: SWD(2024) 11 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.1.2024
SWD(2024) 11 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

**[…]**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**li temenda d-Direttiva 2009/38/KE fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet u l-infurzar effettiv tad-drittijiet tranżnazzjonali tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni**

{COM(2024) 14 final} - {SEC(2024) 35 final} - {SWD(2024) 9 final} - {SWD(2024) 10 final}

## A. Kuntest

Il-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet ("EWCs") huma korpi ta' rappreżentanza tal-impjegati għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni mal-korp ta' tmexxija ta' impriżi multinazzjonali ta' ċertu daqs dwar kwistjonijiet tranżnazzjonali. Fit-trasformazzjoni tad-dinja tax-xogħol li tinsab għaddejja mmexxija minn kunsiderazzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u ta' sostenibbiltà soċjali, l-involviment sinifikattiv tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fil-livelli kollha jista' jgħin biex tiġi antiċipata u ġestita l-bidla, jitnaqqas it-telf ta' impjiegi, tinżamm l-impjegabbiltà, u jiġu mitigati l-effetti fuq is-sistemi tal-protezzjoni soċjali u l-kostijiet ta' aġġustament relatati. Sal-lum, l-EWCs jew ftehimiet oħrajn dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjonijiet tranżnazzjonali jeżistu f'madwar 1 000 impriża multinazzjonali, li jirrappreżentaw madwar 16,6-il miljun impjegat tal-UE. Id-Direttiva 2009/38/KE ("id-Direttiva") tipprovdi qafas b'rekwiżiti minimi għall-istabbiliment u l-funzjonament tal-EWCs, b'rispett għall-awtonomija tar-rappreżentanti tal-korp ta' tmexxija u tal-impjegati f'dak li jirrigwarda t-tfassil tal-proċess tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, u ż-żamma tal-kapaċità tal-korp ta' tmexxija li jieħu deċiżjonijiet b'mod effikaċi. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tiżgura li dan il-qafas ikun ċar, effettiv u infurzabbli. Din l-inizjattiva tikkonċerna l-impriżi fuq skala tal-Unjoni u l-impjegati tagħhom fl-Istati Membri.

L-EWCs u l-proċeduri tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni tranżnazzjonali jikkomplementaw l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-livell nazzjonali skont, b'mod partikolari, id-Direttiva 2002/14/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea, id-Direttiva 2001/23/KE dwar it-trasferimenti ta' impriżi, u d-Direttiva 98/59/KE dwar redundancies kollettivi. Din l-inizjattiva ma taffettwax il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati li toriġina minn dawn id-Direttivi tal-UE.

## B. Ħtieġa ta' azzjoni tal-UE

### *X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?*

Id-Direttiva mhux dejjem tilħaq bis-sħiħ l-objettiv tagħha li ttejjeb id-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tranżnazzjonali tal-impjegati f'impriżi multinazzjonali. F'xi każijiet, hemm nuqqas ta' djalogu ġenwin u sinifikattiv bejn il-korp ta' tmexxija u l-EWCs, u inċertezza b'rabta mal-proċess għall-istabbiliment tal-EWCs, mal-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni limitati fid-Direttiva, ma' "kwistjonijiet tranżnazzjonali", mal-kopertura tal-ispejjeż, mal-kundizzjonijiet għar-rekwiżit tat-trattament kunfidenzjali tal-informazzjoni jew ir-rifjut li tiġi żvelata ċerta informazzjoni lill-EWCs, u mal-aċċess għall-ġustizzja. Barra minn hekk, hemm nuqqas ċar ta' bilanċ bejn il-ġeneri f'ħafna EWCs, u l-ksur tad-drittijiet tal-informazzjoni u tal-konsultazzjoni spiss ma jiġix sanzjonat biżżejjed biex tkun żgurata l-konformità. Fl-aħħar nett, minħabba eżenzjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni, id-Direttiva ma tapplikax għal madwar 350 impriża li fihom jeżistu ftehimiet dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tranżnazzjonali, li jagħmlu l-qafas regolatorju kumpless u frammentat, u b'hekk jinħolqu livelli differenti ta' protezzjoni għall-impjegati f'impriżi fuq skala tal-Unjoni.

Għalkemm dawn il-kwistjonijiet ma jistgħux jitqiesu li japplikaw fuq skala ġenerali, flimkien iwasslu għal nuqqasijiet fl-effettività tal-qafas eżistenti tal-EWC. Konsegwentement, il-potenzjal tal-EWCs mhuwiex sfruttat bis-sħiħ biex jippromwovi l-involviment u l-"buy-in" (l-impenn) tal-impjegati u kundizzjonijiet tax-xogħol sostenibbli, anke fil-kuntest ta' bidliet strutturali marbuta mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

*X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?*

L-objettiv ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa li ttejjeb l-effettività tal-qafas għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni tal-impjegati fil-livell tranżnazzjonali. Dan l-objettiv huwa konsistenti mal-għanijiet u mal-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva. F'konformità mal-bażi legali rilevanti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, in-natura bażika tad-Direttiva bħala strument ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni – aktar milli ta' kodeterminazzjoni – tibqa' l-istess.

B'mod speċifiku, l-inizjattiva għandha l-għan (i) li tevita differenzi mhux ġustifikati fid-drittijiet minimi ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-ħaddiema fil-livell tranżnazzjonali, (ii) li tiżgura l-istabbiliment effiċjenti u effettiv tal-EWCs, (iii) li tiżgura l-assenjazzjoni xierqa tar-riżorsi tal-EWCs u proċess effettiv għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tagħhom, u (iv) li tippromwovi infurzar aktar effettiv tad-Direttiva, inkluż permezz tal-aċċess għall-ġustizzja għar-rappreżentanti tal-impjegati u sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati.

*X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?*

Id-Direttiva tistabbilixxi standards minimi għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tranżnazzjonali tal-impjegati f'impriżi multinazzjonali. Peress li din hija kwistjoni transfruntiera, l-isfidi jridu jiġu indirizzati fil-livell tal-UE. Il-valur miżjud speċifiku tal-UE tal-inizjattiva jinsab fl-iżvilupp ta' dawn l-istandards minimi. Dawn l-istandards irawmu konverġenza 'l fuq fl-impjiegi u fl-eżiti soċjali bejn l-Istati Membri. L-inizjattiva se żżid aktar il-valur miżjud ukoll għall-kumpaniji, billi toħloq qafas regolatorju aktar sempliċi u koerenti madwar l-UE kollha. F'termini ġeografiċi, l-Istati Membri kollha jistgħu jiġu affettwati mill-problema, minħabba li l-konsegwenzi tagħha jseħħu mhux biss fl-Istat Membru fejn huwa bbażat EWC, iżda wkoll f'dawk fejn huma bbażati l-istabbilimenti li jappartjenu għall-istess grupp.

## C. Għażliet ta' politika

*X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati?*

Il-Kummissjoni kkunsidrat diversi għażliet ta' politika, filwaqt li kkunsidrat l-evidenza disponibbli u l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-evalwazzjoni tagħha tad-Direttiva riformulata, ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew u l-kontribuzzjonijiet tas-sħab soċjali għall-konsultazzjoni f'żewġ fażijiet. L-għażliet ġew raggruppati fir-rigward tal-erba' objettivi ta' politika distinti msemmija hawn fuq.

Fir-rigward tal-applikazzjoni ta' regoli differenti għall-impriżi skont meta jkunu kkonkludew il-ftehim tagħhom dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni jew tal-EWC, hemm, għal raġunijiet legali, għażla ta' politika binarja bejn iż-żamma u t-tneħħija tal-eżenzjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Fir-rigward tal-istabbiliment tal-EWCs, għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi jinvolvu kjarifiki dwar ir-riżorsi disponibbli għar-rappreżentanti tal-impjegati inkarigati min-negozjar tal-ftehim tal-EWC, u b'mod partikolari l-kopertura tal-kostijiet legali raġonevoli tagħhom. Bħala miżura ta' akkumpanjament, l-għażliet jinkludu kjarifika tal-iskadenza biex jinbdew in-negozjati wara talba biex jiġi stabbilit EWC. Bħala alternattiva fuq firxa aktar wiesgħa, l-għażliet jinkludu wkoll objettiv ta' kompożizzjoni bilanċjata bejn il-ġeneri tal-EWCs, li għandu jiġi rifless fil-ftehimiet tal-EWC.

Fir-rigward tat-tħaddim tal-EWCs, l-alternattivi ta' politika biex jiġi ċċarat il-kunċett ta' "kwistjonijiet tranżnazzjonali" ivarjaw minn gwida interpretattiva mhux vinkolanti u kjarifika mmirata tal-

formulazzjoni tal-kliem għal twessigħ sostanzjali tal-kunċett, flimkien ma' obbligu fuq il-korp ta' tmexxija biex jiġġustifika għaliex ċerta kwistjoni mhijiex tranżnazzjonali. It-tieni punt, ġie vvalutat rekwiżit għall-korp ta' tmexxija biex jipprovdi tweġiba motivata għall-opinjoni tal-EWC, kif ukoll ġiet ivvalutata kjarifika li l-korp tat-tmexxija jista' biss jimponi t-trattament kunfidenzjali tal-informazzjoni fl-interess leġittimu tal-impriża. Barra minn hekk, il-korp ta' tmexxija ikun meħtieġ jispeċifika, meta jintalab jagħmel dan, ir-raġunijiet għad-dikjarazzjoni ta' ċerta informazzjoni kunfidenzjali jew għar-rifjut li tiġi żvelata. Alternattiva aktar wiesgħa tippermetti lill-korp ta' tmexxija jirrifjuta l-iżvelar ta' informazzjoni minħabba li dan ikun ta' ħsara serja għall-funzjonament tal-impriża soġġett biss għal awtorizzazzjoni ġudizzjarja jew amministrattiva minn qabel, u ġeneralment teżenta l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-EWC u r-rappreżentanti nazzjonali jew lokali tal-impjegati mir-restrizzjonijiet tal-kunfidenzjalità. It-tielet punt, fir-rigward tal-kopertura tal-ispejjeż tal-EWCs, l-għażliet ta' politika jinkludu gwida mhux vinkolanti li tiffaċilita l-applikazzjoni tar-rekwiżiti eżistenti, jew inkella rekwiżiti leġiżlattivi aktar speċifiċi għall-partijiet biex fil-ftehim tagħhom jirregolaw kif jiġu koperti ċerti spejjeż – bħat-tariffi tal-esperti u l-kostijiet legali u tat-taħriġ. Inkella, jistgħu jiġu stabbiliti rekwiżiti vinkolanti aktar estensivi għall-kopertura tal-kostijiet fid-Direttiva.

Fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' infurzar u l-aċċess għall-ġustizzja, l-għażliet ta' politika għandhom x'jaqsmu mas-sanzjonijiet applikabbli meta tinkiser il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva, u r-rimedji disponibbli għad-detenturi tad-drittijiet f'tali każijiet. L-għażliet vinkolanti jinvolvu, f'tarf wieħed tal-ispettru, miżuri biex jiġu ċċarati u msaħħa r-rekwiżiti ġenerali fid-Direttiva, inkluż permezz ta' rekwiżit li jitqies il-fatturat tal-impriżi meta jiġu ddeterminati s-sanzjonijiet pekunjarji, kif ukoll obbligu fuq l-Istati Membri li jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kif huma żgurati l-aċċess għall-ġustizzja u r-rimedji effettivi fir-rigward tad-drittijiet kollha skont id-Direttiva. Fit-tarf l-ieħor tal-ispettru hemm għażliet aktar estensivi li jikkonsistu mill-introduzzjoni tal-possibbiltà li l-EWCs jitolbu s-sospensjoni tad-deċiżjonijiet ta' ġestjoni u jistabbilixxu limiti massimi speċifiċi għal sanzjonijiet pekunjarji ta' 2 % (fil-każ ta' ksur mhux intenzjonat) u 4 % (fil-każ ta' ksur intenzjonat) tal-fatturat dinji tal-impriżi.

Fit-tfassil tal-miżuri ta' politika u fl-iffurmar tagħhom f'għażliet ta' politika, il-Kummissjoni kienet iggwidata mill-kunsiderazzjonijiet ewlenin li ġejjin: (i) il-ħtieġa li titħalla d-diskrezzjoni lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' kwalunkwe rekwiżit minimu rivedut dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tranżnazzjonali, li jippermettilhom jintegraw fir-regoli rispettivi tagħhom, it-tradizzjonijiet u l-prattiki tar-relazzjonijiet industrijali, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-bażi legali tat-Trattat; (ii) ir-rispett sħiħ tal-awtonomija tas-sħab soċjali fl-għoti ta' effett prattiku għar-rekwiżiti minimi; (iii) il-fatt li l-partijiet ikkonċernati kummerċjali ġeneralment jiffavorixxu miżuri mhux vinkolanti filwaqt li l-organizzazzjonijiet tat-trade unions u r-rappreżentanti tal-impjegati jappoġġaw emendi leġiżlattivi. Għalhekk, filwaqt li jistgħu jiġu previsti diversi kombinazzjonijiet alternattivi possibbli bejn miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi fit-teorija, ir-rispons tal-partijiet ikkonċernati ma indika l-ebda tali kombinazzjoni partikolari; (iv) miżuri mhux leġiżlattivi, bħall-finanzjament ta' proġetti għall-promozzjoni tal-konoxxenza tal-qafas tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni tranżnazzjonali, u l-monitoraġġ mill-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri jiffurmaw parti mix-xenarju bażi. Għalhekk, inizjattiva leġiżlattiva tkun awtomatikament ikkombinata ma' tali miżuri mhux vinkolanti kontinwi.

### *Liema għażla u min jappoġġaha?*

Bħala parti minn kampanja usa' għad-demokrazija fil-postijiet tax-xogħol, il-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-2021 [dwar id-"demokrazija fil-post tax-xogħol"](#) u, b'mod partikolari, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-2023 [li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni għar-reviżjoni tad-](#)

Direttiva 2009/38/KE, talab li jissaħħu r-rwol u l-kapaċità tal-EWCs bħala informazzjoni u korpi f'impriżi fuq skala tal-Unjoni li joperaw fl-Unjoni Ewropea. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għamel sejħiet simili matul dawn l-aħħar snin. L-organizzazzjonijiet Ewropej tat-trade unions ġeneralment jappoġġaw l-emendi vinkolanti aktar estensivi deskritti hawn fuq, li jadottaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew, filwaqt li l-organizzazzjonijiet tan-negozju jikkontestaw l-eżistenza ta' nuqqasijiet li jiġġustifikaw azzjoni ta' politika tal-UE, u kawtela kontra l-ħolqien ta' kostijiet addizzjonali u impatti negattivi ta' xi għażliet fuq il-kompetittività.

***X'inhi l-għażla ppreferuta u għaliex?***

L-għażla ta' politika ppreferuta tgħaqqad il-miżuri li ġejjin:

(i) L-eżenzjonijiet ta' ċerti impriżi fuq skala tal-Unjoni se jintemmu, biex jiġi ssimplifikat il-qafas għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tranżnazzjonali u jiġi ggarantit l-aċċess ugwali tal-impjegati għad-drittijiet skont id-Direttiva. Il-"ftehimiet volontarji" ta' impriżi li qabel kienu eżentati ġew konklużi u mħaddma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għalhekk ladarba l-eżenzjoni titneħħa, EWC jista' jiġi stabbilit wara talba tal-impjegati jew bl-inizjattiva tal-korp ta' tmexxija stess, jew il-ftehimiet volontarji jistgħu jkomplu jekk ma ssir l-ebda talba bħal din.

(ii) Ir-riżorsi disponibbli għar-rappreżentanti tal-impjegati matul in-negozjar ta' ftehimiet ġodda tal-EWC, b'mod partikolari l-kopertura ta' kostijiet legali raġonevoli, se jiġu ċċarati, kif ukoll il-formulazzjoni tal-obbligu tal-korp ta' tmexxija li jibda negozjati fi żmien 6 xhur minn talba biex jiġi stabbilit EWC. Barra minn hekk, objettiv ta' bilanċ bejn il-ġeneri għandu jiġi rifless fil-ftehimiet tal-EWC, peress li l-kompożizzjoni attwalment żbilanċjata tal-EWCs kieku tiġi pperpetwata.

(iii) Fid-Direttiva se jiġu introdotti kjarifiki mmirati tal-kunċett ta' kwistjonijiet tranżnazzjonali biex tiġi indirizzata l-inċertezza eżistenti u jitnaqqas ir-riskju ta' tilwim. Se jiġi stabbilit obbligu għall-korp ta' tmexxija li jwettaq informazzjoni u konsultazzjoni b'mod li jippermetti lir-rappreżentanti tal-ħaddiema jesprimu l-opinjoni tagħhom qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni u li jipprovdu rispons motivat għall-opinjonijiet tal-EWCs qabel ma tiġi adottata deċiżjoni dwar kwistjonijiet tranżnazzjonali, biex tissaħħaħ l-effettività tad-djalogu dwar kwistjonijiet tranżnazzjonali. Fir-rigward tal-kopertura tal-ispejjeż tal-EWCs, l-għażla ppreferuta ssostni l-prinċipju tal-awtonomija tal-partijiet, billi tirrikjedi li punti potenzjalment kontenzjużi bħall-kopertura tal-kostijiet legali, it-tariffi tal-esperti u l-kostijiet tat-taħriġ jiġu indirizzati fil-ftehimiet tal-EWCs. Għall-EWCs li joperaw abbażi ta' rekwiżiti sussidjarji, id-dritt tagħhom li jkopru kostijiet legali raġonevoli se jiġi spjegat f'dawk ir-rekwiżiti. Il-formulazzjoni tal-kliem tar-rekwiżit eżistenti li jiġi pprovdut it-taħriġ meħtieġ "mingħajr telf ta' pagi" għall-membri tal-EWCs u għall-korpi speċjali tan-negozjar (SNBs) se tiġi adattata biex jiġi ċċarat li l-impriżi għandhom ikopru l-kostijiet u l-ispejjeż relatati ma' tali taħriġ. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat li t-trattament kunfidenzjali tal-informazzjoni ma jiġix impost mingħajr ġustifikazzjoni, l-għażla ppreferuta se tillimita dik il-possibbiltà għal każijiet fejn ikun fl-interess leġittimu tal-impriża. Għal raġunijiet ta' trasparenza u ta' rimedju effettiv, il-korp ta' tmexxija se jkun meħtieġ jispeċifika, meta jintalab jagħmel dan, ir-raġunijiet li jiġġustifikaw il-kunfidenzjalità jew in-nuqqas ta' żvelar.

(iv) L-Istati Membri se jkunu meħtieġa bħala parti mill-obbligu ta' traspożizzjoni tagħhom li jinnotifikaw informazzjoni dwar il-qafas ta' infurzar tagħhom fir-rigward tad-drittijiet iggarantiti mid-Direttiva, bil-għan li jiffaċilitaw il-monitoraġġ u l-infurzar tal-konformità mill-Kummissjoni, u l-obbligu ġenerali li jiġu żgurati sanzjonijiet effettivi u l-aċċess għall-ġustizzja se jiġu riflessi fid-Direttiva. Il-penali finanzjarji għas-sanzjoni tal-ksur tad-drittijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tranżnazzjonali għandhom jiġu ddeterminati b'kunsiderazzjoni tal-fatturat tal-impriżi, sabiex jiġu żgurati l-proporzjonalità u d-dissważività tagħhom.

## D. Impatti tal-għażla ppreferuta

*X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta?*

Is-678 impriża bħalissa bi ftehimiet attivi tal-EWC u b'madwar 11,3-il miljun impjegat tal-UE, kif ukoll il-partijiet għal ftehimiet futuri tal-EWC, għandhom jibbenefikaw minn ċarezza akbar tar-rekwiżiti legali, li hija mistennija li tnaqqas ir-riskju ta' tilwim u l-kostijiet assoċjati.

Bit-tneħħija tal-eżenzjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, l-impriżi eliġibbli kollha (madwar 3 970) jitqiegħdu fuq l-istess livell, u dan jissimplifika u jsaħħaħ il-koerenza tal-qafas regolatorju. Il-madwar 5,4 miljun impjegat tal-UE/taż-ŻEE (u r-rappreżentanti tagħhom) jew il-korp ta' tmexxija tal-impriżi attwalment eżentati li kkonkludew "ftehimiet volontarji" (323) jiksbu d-dritt li jitolbu l-istabbiliment ta' EWC sabiex jibbenefikaw minn applikazzjoni ugwali tad-drittijiet u l-obbligi minimi infurzabbli skont id-dritt tal-Unjoni. Flimkien mal-korp ta' tmexxija, dawn jistgħu jagħżlu wkoll li jżommu ftehimiet volontarji li jiffunzjonaw tajjeb. Fil-kuntest tat-talbiet biex jiġi stabbilit EWC ġdid, ir-rappreżentanti tal-impjegati jkollhom dritt ċar għall-kopertura tal-kostijiet legali raġonevoli tagħhom u aktar ċertezza legali dwar l-obbligu tal-korp ta' tmexxija li jibda n-negozjati fi żmien 6 xhur. Il-forza tax-xogħol tal-impriżi fuq skala tal-Unjoni tibbenefika wkoll mill-objettiv ta' kompożizzjoni bilanċjata bejn il-ġeneri tal-EWCs, li għandha tiġi riflessa fi ftehimiet tal-EWC konklużi ġodda jew innegozjati mill-ġdid. Bilanċ aħjar bejn il-ġeneri fl-EWCs itejjeb il-kwalità tad-djalogu soċjali u jista' jikkontribwixxi għal deċiżjonijiet ta' ġestjoni aktar ekwi dwar kwistjonijiet tranżnazzjonali.

Matul il-proċess tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni, l-EWCs li għad mhumiex intitolati għal rispons motivat f'waqtu mill-korp ta' tmexxija għall-opinjoni tagħhom jiksbu tali dritt. Dan se jgħinhom jinvolvu ruħhom fi djalogu mat-tmexxija ċentrali dwar kwistjonijiet tranżnazzjonali. Dan id-djalogu huwa ffaċilitat ukoll minn kjarifiki tal-kunċett essenzjali ta' kwistjonijiet tranżnazzjonali, li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-EWCs, u bl-applikazzjoni tal-obbligu ta' kunfidenzjalità biss meta jkun iġġustifikat b'mod oġġettiv. Għall-EWCs, għall-SNBs u għar-rappreżentanti tal-impjegati li bħalissa ma għandhomx rimedji effettivi biex jinfurzaw id-drittijiet kollha tagħhom skont id-Direttiva, l-inizjattiva ttejjeb l-aċċess għall-ġustizzja.

L-effettività u l-kwalità ġeneralment imtejba tad-djalogu soċjali tranżnazzjonali fl-impriżi fuq skala tal-Unjoni jippermettu teħid ta' deċiżjonijiet strateġiku infurmat aħjar mill-kumpaniji u jsaħħu l-fiduċja reċiproka bejn il-korp ta' tmexxija u l-forza tax-xogħol. Madankollu, l-analiżi ta' tali benefiċċji hija neċessarjament ta' natura kwalitattiva, peress li għandhom it-tendenza li jkunu fit-tul u indiretti, u jiddependu minn fatturi intanġibbli bħall-kultura stabbilita tal-involviment tal-impjegati fl-impriża rispettiva.

*X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta?*

Fl-impriżi attwalment eżentati li kkonkludew "ftehimiet volontarji", it-tmexxija ċentrali tkun tista' tibda negozjati ta' EWC ġdid jew ikollha tibdihom, jekk tintalab tagħmel dan mill-impjegati f'konformità mad-Direttiva. Dan se jinvolvi kostijiet medji stmati ta' madwar EUR 148 000 għal kull negozjar għal dawk l-impriżi. Ġeneralment, matul in-negozjati jew in-negozjati mill-ġdid li jinvolvu SNB, l-impriżi se jkunu legalment meħtieġa li jkopru – minbarra kostijiet oħrajn imġarrba fil-fażi tal-istabbiliment – kostijiet legali raġonevoli ukoll, li dan bħalissa mhuwiex espliċitament meħtieġ fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri. Fejn meħtieġ biex il-ftehimiet eżistenti tal-EWC jiġu allinjati mar-rekwiżiti riveduti – eż., biex tiġi indirizzata l-kopertura tal-ispejjeż tal-EWCs għal pariri u taħriġ legali jew ta' esperti – it-tmexxija ċentrali trid tidħol f'negozjati mill-ġdid. Il-kostijiet medji tan-

negozjati mill-ġdid ma setgħux jiġu kkwantifikati b'mod affidabbli peress li huma varjabbli ħafna. L-evidenza tissuġġerixxi li proċess ta' negozjar mill-ġdid huwa iqsar mill-proċess għall-istabbiliment ta' EWC ġdid, filwaqt li jista' jirrikjedi wkoll laqgħat multipli f'każijiet kumplessi. Abbażi tal-evidenza disponibbli, kien possibbli li jiġu monetizzati ċerti kostijiet marbuta mal-laqgħat bejn ir-rappreżentanti tal-korp ta' tmexxija u tal-EWC għan-negozjar mill-ġdid ta' ftehimiet eżistenti (madwar EUR 18 400 għal kull laqgħa). F'għadd sostanzjali ta' każijiet, l-adattamenti meħtieġa tal-ftehimiet tal-EWC jistgħu jiġu miftiehma bħala parti minn negozjati mill-ġdid regolari, li jseħħu bħala medja kull 5 snin, li ma jinvolvu l-ebda kost addizzjonali jew kostijiet addizzjonali limitati ħafna biss meta mqabbla mal-linja bażi. L-impriżi jistgħu jiffaċċaw ukoll żieda inkrementali fil-kostijiet tat-tmexxija ta' EWC (madwar EUR 300 000 bħala medja fis-sena għal kull EWC taħt il-linja bażi), pereżempju fir-rigward tal-obbligu li jiġi pprovdut rispons motivat lill-EWC. Fl-aħħar nett, f'każijiet ta' ksur tal-obbligi, l-impriżi jiffaċċaw riskju ta' penali finanzjarji ogħla. Madankollu, l-okkorrenza ta' tilwim legali u l-applikazzjoni ta' penali hija mistennija li tibqa' baxxa.

Għall-valutazzjoni tal-impatti tal-għażliet ta' politika, ġew ippreżentati stimi tal-kostijiet disponibbli f'termini ta' kostijiet unitarji medji għal kull għażla, fir-rigward tal-fatturat medju tal-impriżi fuq skala tal-Unjoni. Meta jitqabblu l-kostijiet unitarji kwantifikabbli mal-fatturat tal-impriżi rilevanti u meta jitqiesu x-xejriet imbassra, il-kostijiet ekonomiċi tal-għażla ppreferuta huma mistennija li jkunu u jibqgħu negliġibbli. Għaldaqstant, ma jista' jiġi identifikat l-ebda impatt fuq il-kompetittività tal-kumpaniji b'riżultat tal-għażla ppreferuta

Ġew żviluppati stimi tal-kostijiet aggregati tal-inizjattiva biex jindikaw il-kostijiet potenzjali abbażi ta' suppożizzjonijiet ipotetiċi, minħabba l-bosta fatturi li jinfluwenzaw it-tħaddim tad-djalogu soċjali, li ma jistax jiġi stmat b'mod affidabbli (pereżempju, ma jistax jiġi stmat b'mod affidabbli f'kemm impriżi bi ftehimiet volontarji, impjegati jew korp ta' tmexxija jibdew proċess għall-istabbiliment ta' EWC, jew kemm mill-ftehimiet eżistenti tal-EWC jiġu adattati b'riżultat ta' din l-inizjattiva). Id-Direttiva tħalli libertà wiesgħa lill-partijiet fil-ftehimiet tal-EWC biex ifasslu l-proċess tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni kif ukoll ir-riżorsi, it-taħriġ, eċċ. għas-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, u dan il-fatt jagħmilha fundamentalment diffiċli li tiġi stabbilita rabta kawżali bejn l-għażliet ta' politika u l-eżiti ekonomiċi jew soċjali speċifiċi.

***Se jiġu affettwati l-SMEs jew il-konsumaturi?***

Il-miżuri ta' politika previsti ma japplikawx għall-SMEs u mhu prevedibbli l-ebda effett indirett fuq l-SMEs. Huwa improbabbli ħafna wkoll li ż-żidiet marġinali possibbli fil-kostijiet tal-istabbiliment jew tat-tmexxija tal-EWCs jgħaddu għand il-konsumaturi.

***Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?***

L-Istati Membri kollha jkollhom jemendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom li timplimenta d-Direttiva. Huma jkunu meħtieġa jiġbru u jinnotifikaw lill-Kummissjoni informazzjoni dwar kif l-EWCs, l-SNBs u r-rappreżentanti tal-impjegati jistgħu jressqu proċedimenti ġudizzjarji fir-rigward tad-drittijiet kollha tagħhom skont id-Direttiva. Dan l-obbligu jkun ifisser kostijiet amministrattivi limitati, li jiġu minimizzati billi jitwettaq permess tal-proċess standard ta' notifika ta' miżuri ta' traspożizzjoni permezz tas-sistemi tal-IT disponibbli. L-inizjattiva x'aktarx li ma tinvolvix kostijiet akbar ta' infurzar/aġġudikazzjoni għall-awtoritajiet nazzjonali.